

2) Id-Direttiva 2009/73 għandha tiġi interpretata fis-sens li ma tipprekludix leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li teżenta lill-awtorità regolatorja ta' dan l-Istat Membru, fis-sens ta' din id-direttiva, mill-osservanza ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, li tirregola l-proċedura ta' adozzjoni ta' atti normattivi, meta hija tadotta att li jimponi obbligu ta' servizz pubbliku, fis-sens tal-Artikolu 3(2) tal-imsemmija direttiva, sakemm, barra minn hekk, il-leġiżlazzjoni nazzjonali tiggarantixxi li dan l-att ikun konformi mar-rekwiżiti sostantivi ta' din id-dispożizzjoni, ikun kompletament motivat, jiġi ppubblikat, filwaqt li jippreżerva l-kunfidenzialità tal-informazzjoni kummerċjalment sensittiva, u jkun suġġett għal stħarriġ ġudizzjarju.

(¹) ĠU C 93, 11.03.2019.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-14 ta' Mejju 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Corte suprema di cassazione – l-Italja) – A.m.a. – Azienda Municipale Ambiente SpA vs Consorzio Laziale Rifiuti – Co.La.Ri.

(Kawża C-15/19) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ambjent – Skart – Direttiva 1999/31/KE – Landfills eżistenti – Perijodu ta' manutenzjoni tal-landfill wara l-għeluq – Estensioni – Spejjeż tar-rimi ta' skart f'landfill – Prinċipju ta' min iniġġes iħallas – Applikazzjoni ratione temporis tad-direttiva)

(2020/C 240/20)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Corte suprema di cassazione

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: A.m.a. – Azienda Municipale Ambiente SpA

Konvenut: Consorzio Laziale Rifiuti – Co.La.Ri.

Dispożittiv

L-Artikoli 10 u 14 tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April 1999 dwar ir-rimi ta' skart f'landfill, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux l-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni nazzjonali li tipprovdli li landfill operattiva fid-data ta' traspożizzjoni ta' din id-direttiva għandha tkun suġġetta għall-obbligi li jirriżultaw mill-imsemmija direttiva, u b'mod partikolari għal estensioni tal-perijodu ta' manutenzjoni wara l-għeluq ta' din il-landfill, mingħajr ma jkun hemm lok li ssir distinzjoni skont id-data tal-ħażna tal-iskart u lanqas li tiġi prevista miżura intiża sabiex jiġi limitati l-effetti finanzjarji ta' din l-estensioni fir-rigward tad-detentur tal-iskart.

(¹) ĠU C 164, 13.5.2019.